Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 14 ta' Settembru 2023
(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0323(COD)**

**12976/23
ADD 3**

**COMPET 873
MI 742
IND 467
ECOFIN 873
FIN 922
CODEC 1594
IA 225**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Settembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2023) 313 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2023) 313 final.

Mehmuż: SWD(2023) 313 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.9.2023
SWD(2023) 313 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal**
**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali**

{COM(2023) 533 final} - {SEC(2023) 313 final} - {SWD(2023) 312 final} -
{SWD(2023) 314 final}

MT MT

**Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv**

**Valutazzjoni tal-impatt għar-rieżami tad-Direttiva dwar il-Ħlas Tard (id-Direttiva 2011/7/UE)**

**A. X'inhi l-problema u għaliex hija problema fil-livell tal-UE?**

Fl-UE jiġu skambjati madwar 18-il biljun fattura fis-sena. Jiġifieri aktar minn 500 fattura kull sekonda bi kważi nofshom jitħallsu tard. Il-ħlasijiet tard jaffettwaw il-likwidità u l-prevedibbiltà tal-flussi tal-flus, u b'hekk iżidu l-ħtiġijiet tal-kapital operatorju u jikkompromettu l-aċċess tal-kumpaniji għall-finanzjament estern. Minħabba f'hekk, jiġu affettwati t-tkabbir u l-kompetittività, tonqos il-produttività, u tiżdied il-probabbiltà li jkun hemm sensji u fallimenti. L-effetti tal-ħlasijiet tard jinħassu tul il-ktajjen tal-provvista, peress li d-dewmien tal-ħlas spiss jingħadda fuq il-fornituri. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jiddependu fuq flussi prevedibbli tal-flus, jiġu affettwati bil-kbir minn dawn l-effetti negattivi. Il-ħlasijiet tard iġibu magħhom effetti soċjali dannużi wkoll. Xi setturi huma aktar vulnerabbli għall-ħlas tard minn setturi oħra. Pereżempju, is-settur tal-kostruzzjoni. Il-kawża ewlenija tal-ħlasijiet tard hija l-iżbilanċ fis-setgħa tan-negozjar bejn fornitur żgħir u klijent kbir, peress li għad-debitur, il-ħlas tard huwa forma attraenti ta' finanzjament mingħajr kostijiet. Fost il-fatturi li qed jikkawżaw din il-problema hemm miżuri preventivi insuffiċjenti, deterrenti mhux xierqa, u mekkaniżmi insuffiċjenti tal-infurzar u tar-rimedju.

**X'għandu jinkiseb?**

L-objettivi ġenerali huma li:

A. jissaħħu l-kompetittività u t-tkabbir tal-kumpaniji billi tittejjeb id-dixxiplina tal-ħlas tal-awtoritajiet pubbliċi, tan-negozji l-kbar u tal-SMEs;
B. l-SMEs ikunu protetti mill-effetti negattivi tal-ħlas tard billi jiġu stabbiliti regoli li jippromwovu l-ħlas ġust u fil-ħin fit-tranżazzjonijiet kummerċjali.

L-objettivi speċifiċi huma li:

1) jiġi evitat il-ħlas tard;
2) jiġi ffaċilitat il-ħlas fil-ħin;
3) il-kumpaniji jingħataw is-setgħa u tkun żgurata aktar ekwità fil-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali.

**X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?**

L-UE ilha tindirizza l-ħlas tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali għal dawn l-aħħar 30 sena. Din l-inizjattiva tirrevedi l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (id-Direttiva 2011/7/UE) u għalhekk tista' ssir biss fil-livell tal-UE. Xi Stati Membri tal-UE adottaw regoli aktar stretti minn dawk stabbiliti fid-Direttiva. Pereżempju, l-iffissar ta' limitu massimu għall-perjodi tal-ħlas fit-tranżazzjonijiet minn negozju għal negozju (B2B) meta l-kreditur ikun SME, u l-istabbiliment ta' korpi tal-infurzar. Biex ikun evitat in-nuqqas ta' uniformità fis-suq uniku tal-UE, jeħtieġ jiġi żgurat li r-regoli jiġu infurzati bl-istess mod.

**B. Soluzzjonijiet**

**X'inhuma d-diversi għażliet biex jintlaħqu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?**

**Għażla ta' politika 1: li jiġi evitat il-ħlas tard**

Il-miżuri ta' politika ta' din l-għażla għandhom l-għan li jipprevjenu l-ħlas tard billi jiżguraw perjodi tal-ħlas ġusti. Jiġu stabbiliti perjodi massimi tal-ħlas, anke għall-proċedura tal-verifika biex tiġi verifikata l-konformità mar-rekwiżiti tal-kuntratt. Huma inklużi wkoll dispożizzjonijiet li jipprovdu taħriġ lill-SMEs fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju.

**Għażla ta' politika 2: li jiġi ffaċilitat il-ħlas fil-ħin**

Il-miżuri ta' politika ta' din l-għażla għandhom l-għan li jindirizzaw il-ħlas tard billi jsaħħu l-infurzar tar-regoli u jiżguraw li l-perjodi tal-ħlas jiġu rispettati. Id-deterrenti attwali tad-Direttiva, jiġifieri l-intitolament ta' imgħaxijiet fuq il-ħlas tard u ta' kumpens b'tariffa fissa

jsiru aktar effettivi billi l-imgħax fuq il-ħlas tard isir obbligatorju u jiżdied il-kumpens b'tariffa fissa. L-infurzar huwa fattur ewlieni għall-problema tal-ħlas tard. Għalhekk, l-għażliet ivvalutati jvarjaw skont is-setgħat fdati lil korp nazzjonali tal-infurzar deżinjat mill-Istati Membri tal-UE. L-għażla tinkludi wkoll sinerġiji mal-akkwist pubbliku biex is-sottokuntratturi fil-kuntratti tax-xogħol pubbliku jkunu protetti.

**Għażla ta' politika 3: li jissaħħu l-mekkaniżmi tar-rimedju, li jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-ħlas ġusti u li l-kumpaniji jingħataw is-setgħa**

Il-miżuri ta' politika ta' din l-għażla jippromwovu l-ġustizzja u d-disponibbiltà ta' mekkaniżmi tar-rimedju effettivi jekk il-kundizzjonijiet tal-ħlas ma jiġux issodisfati. L-Istati Membri tal-UE se jkunu meħtieġa jistabbilixxu għodod tal-medjazzjoni li jkunu aċċessibbli faċilment għall-SMEs u jindirizzaw termini u prattiki kuntrattwali inġusti permezz tal-liġi nazzjonali tagħhom.

**L-għażla ppreferuta:** Kull għażla għandha benefiċċji potenzjali iżda toħloq ukoll xi riskji meta tiġi implimentata waħedha. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet li t-triq 'il quddiem ippreferuta tikkonsisti f'pakkett tal-aktar miżuri effettivi u effiċjenti fit-tliet għażliet ta' politika. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet ukoll li regolament huwa l-forma ppreferuta tal-att legali.

**Il-pakkett ta' politika ppreferut: 1a+2a+3b**

- Iż-żmien tal-ħlas fit-tranżazzjonijiet B2B jiġi limitat għal 30 jum.
- Il-proċedura tal-verifika jew tal-aċċettazzjoni tiġi limitata għal 30 jum (mingħajr derogi).
- L-Istati Membri tal-UE jiffaċilitaw id-disponibbiltà tat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u fil-litteriżmu finanzjarju, inkluż fl-għodod diġitali tal-ħlas għall-SMEs.
- L-imgħax fuq il-ħlas tard isir b'mod awtomatiku (jitneħħa l-kunċett ta' "intitolament"), u jiġi ċċarat l-aħħar jum tal-akkumulazzjoni tal-imgħax.
- Kumpens b'tariffa fissa għal kull tranżazzjoni mħallsa tard u li dan jiżdied għal EUR 50 biex ikun jirrifletti l-inflazzjoni.
- L-Istati Membri tal-UE jiddeżinjaw il-korpi responsabbli biex jinfurzaw il-liġi, iwettqu investigazzjonijiet b'inizjattiva tagħhom stess jew wara ilmenti, u li jkollhom is-setgħa joħorġu sanzjonijiet amministrattivi u jippubblikaw isem l-awturi tar-reati. - L-użu ta' għodod diġitali għal infurzar aktar effettiv.
- Fil-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jridu jivverifikaw li l-ħlas mogħti lill-kuntrattur ewlieni jkun ingħadda lis-sottokuntratturi diretti.
- L-Istati Membri tal-UE jistabbilixxu sistema nazzjonali tal-medjazzjoni biex isolvu t-tilwim dwar il-ħlas fit-tranżazzjonijiet kummerċjali.
- L-Istati Membri tal-UE jindirizzaw il-kwistjoni tat-termini u l-prattiki kuntrattwali inġusti permezz tal-liġi nazzjonali tagħhom.

**X'inhuma l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet: 939 tweġiba għall-bord tal-SMEs, 117-il tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika, 137 tweġiba għas-sejħa għall-evidenza, u saru diversi laqgħat mal-partijiet ikkonċernati. Kważi 83 % tal-bord tal-SMEs u 36,7 % ta' dawk li wieġbu fil-konsultazzjoni pubblika jappoġġaw l-iffissar ta' limitu massimu għall-perjodu tal-ħlas, bi preferenza għal 30 jum. Għadd limitat ta' assoċjazzjonijiet tan-negozju jopponu l-iffissar ta' limitu massimu u/jew jitolbu eċċezzjonijiet settorjali. Kważi 81 % tal-SMEs li wieġbu kkonfermaw li l-imgħax u t-tariffi tal-kumpens qatt ma jitħallsu. 84 % tal-SMEs li wieġbu qiesu l-istabbiliment tal-korpi tal-infurzar bħala utli jew utli ħafna. Kważi 60 % ta' dawk li wieġbu fil-konsultazzjoni pubblika qablu li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi biex jivverifikaw li l-kuntratturi ewlenin ikunu ħallsu lis-sottokuntratturi tagħhom fil-ħin. Dwar l-istabbiliment ta' sistema nazzjonali tal-medjazzjoni waslu tweġibiet pożittivi kemm fis-sejħa għall-evidenza kif ukoll fil-konsultazzjoni pubblika. Il-bord tal-SMEs sawwar ukoll ħarsa

ġenerali komprensiva dwar il-prattiki inġusti biex tiġi evitata l-liġi.

**Ċ. Impatti tal-għażla ppreferuta**

**X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla?**

Fuq livell aggregat, l-impatt se jkun ta' benefiċċju għan-negozji. It-tnaqqis fiż-żmien tal-ħlas, stmat għal 35 %, se jillibera l-fluss tal-flus u jtejjeb il-prevedibbiltà tal-ħlasijiet. Il-probabbiltà li l-atturi iżgħar tas-suq jiffaċċjaw termini tal-ħlas inġusti se tkun inqas u dawn l-atturi se jkollhom mezzi effettivi ta' rimedju meta jiffaċċjaw ħlasijiet tard. Il-kostijiet marbuta mal-iskariġġ tal-ġiri wara d-debituri (stmati għal 340,2 miljun siegħa tax-xogħol, ekwivalenti għal EUR 8,74 biljun) se jonqsu b'mod sinifikanti. Bil-medjazzjoni, il-kumpaniji se jkunu jistgħu jiffrankaw EUR 27 miljun fis-sena f'kawżi evitati quddiem il-qrati. Din l-inizjattiva żżid ukoll il-ġustizzja fir-relazzjonijiet kummerċjali.

L-awtoritajiet pubbliċi jibbenefikaw mis-sistemi tal-medjazzjoni, kemm direttament, jekk ikunu jixtiequ jsolvu tilwima ma' fornitur, kif ukoll indirettament billi jnaqqsu l-piż fuq is-sistema ġudizzjarja. B'mod ġenerali, dan iwassal biex jonqsu l-ħlasijiet tard, li jfisser inqas fallimenti u kostijiet assoċjati għall-fondi pubbliċi.

Il-konsumaturi ma jiġux affettwati direttament minn din l-inizjattiva.

**X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (għan-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi)?**

Il-biċċa l-kbira tal-kostijiet li jaffettwaw lin-negozji kollha huma kostijiet ta' darba. Dawn jinkludu l-aġġornament tal-fatturi standard biex ikunu jirriflettu t-termini ġodda tal-ħlas u t-tariffi tal-kumpens aġġustati, kostijiet stmati għal EUR 243 miljun. Il-kostijiet rikorrenti jiġġarrbu prinċipalment mid-debituri li bħalissa jħallsu tard: bil-ħlas awtomatiku tal-imgħax u tal-kumpens (miżjud), bil-multi amministrattivi potenzjali, u billi jitilfu kreditu faċli meta jiġu sfurzati jħallsu fil-ħin. Dawn il-kostijiet jistgħu jiġu evitati kollha jekk id-debituri jħallsu fil-ħin.

Il-kostijiet assoċjati mal-fondi pubbliċi jidhru limitati u proporzjonati. L-awtoritajiet pubbliċi jiffaċċjaw xi kostijiet biex jiddeżinjaw u jmexxu l-korpi tal-infurzar u tal-medjazzjoni. Dawn il-kostijiet huma stmati għal EUR 70-105 miljun fis-sena għall-EU-27 (EUR 60-65 miljun għall-korpi tal-infurzar u EUR 10-40 miljun għas-servizzi tal-medjazzjoni).

**X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?**

**Impatti fuq l-SMEs:**

Il-filtru tal-SMEs jikklassifika din l-inizjattiva bħala "rilevanti ħafna". L-għażla ppreferuta kienet appoġġata mill-SMEs fil-bord tal-SMEs u fil-konsultazzjoni pubblika. Filwaqt li l-SMEs kollha mistennija jibbenefikaw mill-inizjattiva, l-SMEs mikro, li huma esposti aktar għall-problema, għandhom imnejn jibbenefikaw aktar. Min-naħa tal-**kredituri**, il-ħlasijiet tard ixekklu lill-kumpaniji milli jikbru u jġegħluhom jaħlu r-riżorsi għax, bħala medja, 5-10 % tax-xogħol amministrattiv totali qed jaħluh jiġru wara d-debituri. Dan huwa ħin li l-SMEs jistgħu jużaw b'mod aktar produttiv, pereżempju, biex jiksbu taħriġ jew ifittxu opportunitajiet ġodda ta' negozju.

Min-naħa tad-**debituri**, aktar ma l-kumpanija tkun kbira aktar ikun probabbli li din tħallas tard. Bħala medja, madwar 41 % tal-SMEs mistennija jibbenefikaw mill-iffissar ta' limitu massimu

| |
|---|
| ta’ 30 jum għall-perjodu tal-ħlas. Huma mistennija effetti usa’ għall-mikrointrapriżi (50 %) filwaqt li bl-iffissar ta’ limitu massimu ta’ 30 jum għall-proċedura tal-verifika jistgħu jibbenifikaw sa 66 % tal-SMEs. Jekk il-ħlasijiet tal-imgħaxijiet u dak tat-tariffi tal-kumpens isiru obbligatorji, is-sitwazzjoni attwali se titjieb għax bħalissa, 81 % tal-SMEs u 93 % tal-mikrointrapriżi qatt ma jirċevuh dan il-kumpens. Regoli tal-infurzar aktar b’saħħithom se jtejbu l-prestazzjoni tal-ħlas. Il-miżuri li jappoġġaw lis-sottokuntratturi fil-kuntratti tax-xogħol pubbliku se jkollhom impatt pożittiv fuq l-SMEs (medja ta’ 80 % tal-valur ta’ proġett kbir tal-kostruzzjoni jiġi sottokuntrattat lill-SMEs). Is-sistemi nazzjonali tal-medjazzjoni se joħolqu benefiċċji monetarji għan-negozji li sal-lum qed ikollhom imorru l-qorti, u se jipprovdu soluzzjonijiet tat-tilwim aktar malajr għan-negozji li sal-lum qed jevitaw li jmorru l-qorti biex jirkupraw flushom.<br>**Impatti fuq il-kompetittività**: L-effett tal-għażla ppreferuta fuq il-prezz/kost u l-kompetittività tal-innovazzjoni mistenni jkun pożittiv. B’aktar flussi aggregati tal-flus fl-ekonomija, in-negozji jkollhom aktar likwidità biex jinvestu fl-innovazzjoni jew biex jgħaddu l-iffrankar lill-konsumaturi. Ir-ridistribuzzjoni tal-likwidità fl-ekonomija tkun aktar ġusta għax kull negozju jkun qed iħallas għal-likwidità li jeħtieġ u li juża. Il-kundizzjonijiet biex isir negozju jkunu aktar prevedibbli, u dawn joħolqu ambjent tan-negozju aktar favorevoli.<br>Fir-rigward tal-kompetittività internazzjonali, il-kumpaniji li jimportaw jew jesportaw qed ikollhom jiffaċċjaw perjodi massimi tal-ħlas differenti (bejn il-kontijiet pagabbli u riċevibbli tagħhom). Ir-riskji assunti relatati ma’ dawn id-differenzi qed jiġu indirizzati skont il-kundizzjonijiet tas-suq mill-fornituri tal-finanzjament tal-kummerċ (pereżempju, bi flus bil-quddiem, b’ittra ta’ kreditu). Barra minn hekk, ir-riskju li n-negozji mhux tal-UE jagħmlu l-ħsara lin-negozji tal-UE billi joffru perjodi tal-ħlas twal f’suq mhux tal-UE qed ikompli jiġi limitat għax ħafna pajjiżi sħab tal-UE, bħall-Kanada, l-Istati Uniti, it-Turkija u r-Renju Unit, diġà għandhom ir-regoli tagħhom dwar il-ħlasijiet tard. |
| **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?** |
| L-għażliet ta’ politika kollha se jkollhom impatt fuq l-impjiegi, il-ġustizzja fil-kultura tan-negozju u l-benessri tal-intraprendituri. L-ebda għażla ta’ politika mhu se jkollha impatt ambjentali dirett. L-ebda għażla ta’ politika mhu se tikkawża ħsara sinifikanti lill-ambjent. |
| **Proporzjonalità?** |
| L-għażliet ta’ politika kollha jikkonformaw mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà. Fuq in-negozji jimponu biss kostijiet li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi, u jħallu lok għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri (pereżempju, id-deżinjazzjoni tal-korpi tal-infurzar, l-implimentazzjoni tat-taħriġ fil-ġestjoni tal-kreditu u l-miżuri tar-rimedju, u l-identifikazzjoni ta’ prattiki tal-ħlas inġusti). Il-valutazzjoni tal-impatt tidentifika wkoll l-għażliet skartati. |
| **D. Segwitu** |
| Il-Kummissjoni se timmonitorja u tevalwa l-impatti tal-inizjattiva wara 4 snin mid-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni l-ġdida. Anke l-Osservatorju Ewropew tal-Pagament u r-rapporti mħejjija mill-Istati Membri b’inizjattiva tagħhom stess jew ta’ partijiet terzi se jappoġġaw il-proċess tal-monitoraġġ għal din l-inizjattiva. |